



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal*

**2012/2302 (INI)**

4.6.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u impjieggi  
(2012/2302(INI))

Rapporteur: Oldřich Vlasák

PA\_NonLeg

PE508.179v02-00

2/5

AD\937691MT.doc

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jitlob lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni ġhal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika n-natura trasversali tal-industriji kulturali u kreattivi bħala għodda ta' komunikazzjoni attraenti u l-importanza globali ta' dawn l-industriji mhux biss għall-ekonomija dinjija, iżda wkoll għat-tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp tas-soċjetà; jišaq fuq il-fatt li dawn is-settu għandhom potenzjal lokali u reġjonali rikk ta' tkabbir li jirrapreżenta opportunitajiet tas-suq ġodda għall-imprendituri ta' industriji kulturali u kreattivi u b'hekk għall-impieg fis-settur kulturali;
2. Jissottolinja li l-industriji kulturali u kreattivi għandhom ikunu parti mill-istratgeġji soċjoekonomiċi tal-UE u nazzjonali; jissottolinja l-ħtieġa għal aktar koordinament ta' diversi politiki, inklużi l-politiki industrijali, edukattivi u innovattivi, il-politiki tat-turiżmu, reġjonali, urbani, lokali u tal-iżvilupp tal-ispazju; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex, b'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà, jinkludu l-oqsma kulturali u kreattivi fl-istratgeġji ekonomiċi tagħhom fuq perjodu medju u fit-tul;
3. Jindika li l-fondi disponibbli skont il-qafas finanzjarju pluriennali futur, jiġifieri skont il-FSE u l-FEŻR, għandhom jintużaw biex isaħħu l-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll il-kapaċitā amministrattiva u istituzzjonali nazzjonali, reġjonali u lokali biex jaħdnu flimkien, biex jiżdied il-qligħ ekonomiku, soċjali, edukattiv u kulturali minn dawn l-industriji; jiġbed l-attenzjoni għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, fejn huwa aktar ikkumplikat biex jitwaqqfu u jiġi żviluppati l-industriji kulturali u kreattivi;
4. Jindika li l-industriji kulturali u kreattivi, bħala għajnejn ta' potenzjal f'termini ta' impjieg fi kwantità u ta' kwalità akbar fir-reġjuni, jistgħu jikkontribwixxu għal integrazzjoni soċjali u territorjali; hu mħasseb li dawn l-aspetti tal-industriji kulturali u kreattivi mhumiex analizzati u appoġġati biżżejjed; jišaq li l-ġbir tad-data statistika f'dawn is-settu hu inadegwat fil-livelli kollha, u li l-agħar sitwazzjoni tinsab fil-livell reġjonali u lokali; jenfasizza li l-impatt tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) dwar is-settu kulturali u kreattivi għandu jiġi analizzat, sabiex dawn lis-settu jiġi adattati għall-ambjent teknoloġiku ġdid u marbuta ma' żviluppi teknoloġiċi;
5. Iqis li n-nies, prodotti u servizzi kreattivi, bħala parti mid-diversità kulturali tal-UE, għandhom ikunu l-bażi ta' suq uniku Ewropew b'saħħtu u reġjuni żviluppati sew, kif ukoll dawk tal-ekonomiċi lokali fejn jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjieg ġodda; jitlob li jkun hemm użu aħjar tal-industriji kulturali u kreattivi fl-attrazzjoni tal-investiment u t-talent varjat lejn l-Ewropa; jenfasizza li l-intraprendituri fis-settu kulturali u kreattivi m'għandhomx aċċess faċċi għal finanzjament; jitlob lilli-Istati Membri jadottaw miżuri soċjali u fiskali adegwati u jappoġġjaw l-ekonomija kreattiva kif ukoll mudelli ta' negozju ġodda għall-industriji kulturali u kreattivi adattati għas-suq Ewropew, li jkun jippermetti l-mobilità tal-artisti u n-nies li jaħdnu fl-industriji kulturali u kreattivi u jgħinuhom jegħi l-ostakli marbutin mas-sistemi fiskali jew soċjali differenti jew l-ostakli lingwistiċi, u jippromwovu fehim aħjar

fost il-pajjiżi u l-kulturi;

6. Jemmen li l-kompetenzi differenti koperti minn dawn l-industriji, kif ukoll l-interazzjoni bejn il-ħallieqa u t-teknoloġiji, spiss huma bbażati lokalment u għalhekk għandhom jiġu appoġġjati bit-twaqqif ta' pjattaformi, netwerks, raggruppamenti, inkubaturi tan-negozju u sħubji lokali u reġjonali li jrawmu sinerġiji, jgħinu biex jinstabu mekkaniżmi għall-finanzjament tal-kreattività u l-innovazzjoni, u jappoġġjaw il-ġestjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u l-opportunitajiet ta' finanzjament;
7. Jirrimarka l-fatt li l-industriji kulturali u kreattivi jikkontribwixxu għaż-żamma u t-titjib tal-wirt kulturali, storiku u arkitettiku kbir tal-Ewropa; jisħaq fuq l-importanza tal-wirt kulturali mobbli, jiġifieri artefatti bħala prodott tal-kreattività tal-bniedem mill-antikità sal-lum; jenfasizza li s-setturi kulturali u kreattivi huma importanti għall-iżvilupp tal-industria tat-turiżmu tal-UE, u huma ta' interess kbir għat-turisti mill-pajjiżi kemm tal-UE kemm mhux tal-UE; jemmen li, fid-dawl ta' dan il-valur miżjud, l-oqsma kulturali u kreattivi għandhom ikunu appoġġjati b'mod b'saħħtu mill-baġit futur tal-UE u permezz ta' dokumenti ta' iprogrammar nazzjonali u reġjonali imfassla għall-perjodu 2014-2020, billi jgħibu magħhom opportunitajiet ekonomiċi importanti;
8. Jevidenzja l-importanza tal-iskemi edukattivi għall-promozzjoni tal-kreattività miż-żgħożija 'l quddiem, u għat-trawwim tal-edukazzjoni artistika u kulturali permezz tal-promozzjoni tal-interess fix-xogħol u l-prodotti tal-industria kreattiva matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja; jisħaq fuq il-fatt li billi l-awtoritatjiet lokali u reġjonali huma ta' sikhwi responsabbli mill-edukazzjoni ta' qabel l-iskola u dik primarja, għandu jkollhom rwol edukattiv u kulturali importanti f'dan il-proċess tal-indirizzar tal-kultura u l-kreattività bħala parti integrali mill-iżvilupp reġjonali u urban; jissottolin ja l-importanza tat-taħriġ mhux formali għall-adulti biex jiżviluppaw kapaċitajiet ta' adattament għal suq tax-xogħol li qed jinbidel kostantement.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 41 0 0 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luís Paulo Alves, Jean-Jacob Bicep, John Bufton, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Martina Anderson, Vasilica Viorica Dăncilă, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Evžen Tošenovský, Manfred Weber, Iuliu Winkler
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Albert Deß, Takis Hadjigeorgiou, Katarína Neved'álová